

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 416/2009

tal-20 ta' Mejju 2009

dwar id-diviżjoni bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” ta' kwoti nazzjonali tal-ħalib stabbiliti għall-2008/2009 fl-Anness IX għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 69(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-produtturi jista' jkollhom kwota individwali waħda jew tnejn, waħda għall-kunsinni u l-oħra għall-bejgħ dirett u li l-kwantitajiet jistgħu jinbidlu minn kwota waħda għall-oħra mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru biss, fuq talba ġġustifikata b'mod xieraq min-naħa tal-produttur.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 dwar id-diviżjoni bejn “konsenji [kunsinni]” u “bejgħ dirett” ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali stabbiliti għall-2007/2008 fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 ⁽²⁾ jistipula d-diviżjoni bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” għall-perjodu mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 għall-Istati Membri kollha.
- (3) Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jstabbilixxi imposta fis-settur

tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽³⁾, l-Istati Membri nnotifikaw il-kwantitajiet li nbidlu definittivament fuq talba tal-produtturi bejn kwoti individwali għall-kunsinni u għall-bejgħ dirett.

- (4) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 248/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rigward il-kwoti nazzjonali fuq il-ħalib ⁽⁴⁾, il-kwoti nazzjonali totali tal-Istati Membri kollha żdiedu b'effett mill-1 ta' April 2008 'l quddiem. L-Istati Membri, minbarra Malta li ma għandha l-ebda parti mill-kwota nazzjonali tagħha li hija għall-bejgħ dirett, innotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-diviżjoni bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” tal-kwota addizzjonali.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita d-diviżjoni, applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009, bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” tal-kwoti nazzjonali stabbiliti fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-diviżjoni applikabbli għall-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 bejn il-“kunsinni” u l-“bejgħ dirett” tal-kwoti nazzjonali stabbiliti fl-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 125, 9.5.2008, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU L 76, 19.3.2008, p. 6.

ANNEX

(f'tunnellati)

L-Istati Membri	Il-kunsinni	Il-bejgħ dirett
Il-Belġju	3 371 559,558	55 729,182
Il-Bulgarija	912 238,158	86 341,842
Ir-Repubblika Ċeka	2 785 413,892	7 275,728
Id-Danimarka	4 612 376,648	242,872
Il-Ġermanja	28 755 245,289	92 175,102
L-Estonja	650 386,770	8 908,590
L-Irlanda	5 501 532,799	2 146,481
Il-Greċja	835 781,260	1 142,000
Spanja	6 173 230,927	66 058,073
Franza	24 738 890,113	352 431,587
L-Italja	10 474 131,877	266 529,323
Ċipru	146 970,338	1 133,662
Il-Latvja	725 538,102	17 682,858
Il-Litwanja	1 674 056,192	64 879,588
Il-Lussemburgu	278 070,680	475,000
L-Ungerija	1 921 492,480	108 368,720
Malta	49 671,960	0,000
L-Olanda	11 392 464,000	73 166,280
L-Awstrija	2 755 298,641	92 179,828
Il-Polonja	9 403 080,692	164 665,168
Il-Portugall ⁽¹⁾	1 979 091,285	8 429,715
Ir-Rumanija	1 429 140,086	1 688 999,914
Is-Slovenja	567 987,116	20 183,644
Is-Slovakkja	1 049 485,430	12 118,330
Il-Finlandja	2 486 700,282	6 015,111
L-Iżvezja	3 415 795,900	3 800,000
Ir-Renju Unit	14 988 515,859	136 653,081

⁽¹⁾ Minbarra l-Madejra